# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 22**

**Rikors numru 105/21/1 ISB**

**Simon Felice bħala azzjonist u Christopher Pace bħala stralċjarju tal-kumpanija Felix Services and Installations Limited (C46462) (illum stralċjata)**

**v.**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

1. Dan hu appell tal-attur Simon Felice mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Lulju 2022.

2. Il-fatti fil-qosor huma dawn. L-attur hu azzjonist uniku fil-kumpanija Felix Services and Installations Limited, liema kumpanija ġiet xolta fil-31 ta' Mejju 2018. Christopher Pace nħatar stralċjarju tal-kumpanija u wara li tlesta r-rapport tal-likwidazzjoni u saret skema ta' distribuzzjoni fit-30 ta'

Ġunju 2018 il-kumpanija tneħħiet mir-reġistru tal-kumpaniji fit-28 ta' Novembru 2018. Jirriżulta lill-attur azzjonist li meta saret id-distribuzzjoni tħalliet barra proprjetà mmobbli appartenenti lill-kumpanija li l-attur mingħalih kienet tappartjeni lilu personalment. Għalhekk saret din il-kawża għall-finijiet tal-Artikolu 300A tal-Kap. 386 biex il-proprjetà tiddaħħal fl-assi tal-kumpanija u ssir skema ta' distribuzzjoni ġdida u b'hekk il-proprjetà mmobbli appartenti lill-kumpanija *qua* assi tagħha tgħaddi għand l-attur fil-kwalità tiegħu ta' azzjonist waħdieni tagħha.

3. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji rrisponda illi l-liġi tipprovdi għal din l-eventwalità però ssottometta li f'kaz bħal dan ta' stralċ volontarju l-obbligi u responsabiltajiet tal-istralċjarju huma iktar onerużi biex jiġu verifikati l-fatti kollha u jekk il-Qorti tilqa' t-talba kellha tagħmel dawk il-kondizzjonijiet u ordnijiet biex dak li għandu jsir ikollu skop ċar u f'perjodu speċifiku.

4. Il-Qorti tat is-sentenza tagħha fejn ċaħdet it-talba u ordnat li ssir investigazzjoni mill-entitajiet li semmiet. Wara li kkonsidrat li l-azzjoni saret skont il-liġi qalet hekk:

> "Il-Qorti tibda' biex tgħid illi hija tinsab ferm pre-okkupata b'dak illi għandha quddiemha, u ser tispjega.
>
> Illi fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent Simon Felice jgħid illi din il-proprjeta ma kienx iddikjarha lill-istralċarju għaliex "*dejjem mingħalija illi l-proprjetajiet kienu akkwistati f'ismi personali, u infatti qatt ma ġew inklużi fil-kotba tal-kumpannija*".

Minn naħa tiegħu, ir-rikorrent Christopher Pace jgħid illi huwa għadda għall-iskema ta' distribuzzjoni "*a bazi ta' dak li kien hemm fil-kotba tal-kumpannija u abbazi ta' dak li qalli l-azzjonist waħdieni tal-kumpannija*".

Illi issir referenża għall-kuntratt pubbliku tas-27 ta' Ġunju 2012 (DOK J *a fol* 75) minn fejn jirriżulta illi s-soċjeta` Savoy Gardens Limited biegħet u ttrasferiet lill-kumpannija Felix Services and Installations Limited (C 46462) il-proprjeta bin-numru tlettax (13) formanti parti mill-blokk 'K' fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li jinsab fil-*livell plus eight* (+8) u l-*one car lock-up garage* internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell plus 2 (+2) fil-*basement level* tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens.

Fl-istess kuntratt pubbliku hemm dikjarat illi dan il-bejgħ kien qed isir "*for the global price of one hundred and eleven thousand six hundred and thirty-five euro (€111,635) out of which price the sum of ninety three thousand Euros (€93,000) is for the apartment and the sum of eighten thousand six hyundred and thirty five Euros (€18,635) for the garage and which global sum has been settled prior to today and which transfer for property is being made in part settlement for invoices for services rendered by the Purchaser*".

Illi meta l-Qorti ssosspendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, hija talbet lir-rikorrent sabiex jesebixxi l-accounts u l-financial statements tas-soċjeta' Felix Services and Installations Limited (C 46462) għall-perjodu 2010 sa 2017. Dan ikopri l-perjodu minn sentejn qabel l-akkwist tal-proprjetajiet *de quo* sal-aħħar sena meta ttieħdet id-deċizjoni li l-kumpannija tiġi likwidata u stralċjata.

Ir-rikorrent intalab ukoll jesebixxi kopja tal-*invoices* kollha maħruga minn Felix Services and Installations Limited (C 46462) lil kumpannija Savoy Gardens Limited, il-venditriċi, għax-xogħlijiet pprestati mis-soċjeta` Felix Services and Installations Limited (C 46462) lil dik venditriċi riferibbli in parti, għall-prezz li kien qed jiġi mħallas bit-trasferiment tal-proprjeta *de quo*.

Illi mid-dokumenti esebiti tassew jirriżulta dak li qal ir-rikorrent Simon Felice, ċioe` illi l-proprjetajiet ma ġewx inklużi fil-kotba tal-kumpannija. Dan huwa rifless ukoll fl-istatements finanzjarji illi gew prodotti peress illi minn mkien ma jidher jew jirriżulta illi parti mill-*invoices* tas-soċjeta' Savoy Gardens Limited ġew mħallsa.

Il-Qorti ssib diffiċli temmen lir-rikorrent Simon Felice meta jgħid illi kien mingħalih illi akkwista l-proprjeta f'ismu personali, u dan peress illi l-kuntratt pubbliku tas-27 ta' Ġunju 2012 huwa car, mhux biss fis-sens illi huwa kien qiegħed jidher għan-nom tal-kumpannija Felix Services and Installations Limited, imma ukoll hemm id-dikjarazzjoni ċara u skjetta illi dan it-trasferiment kien qed isir bi ħlas tas-soċjeta` hemmek venditriċi lis-soċjeta` hemmek akkwirenti għal servizzi reżi u *invoices* pendenti. Id-dikjarazzjoni li qed jagħmel illum Simon Felice illi kien mingħalih illi l-

proprjeta akkwistha f'ismhu personali, tħalli dubbju kbar dwar il-veraċita tagħha u l-Qorti tikkonkludi illi anke kieku dan kien veru, kien ikun evidenti illi Simon Felice kien ikun qed iħawwad l-affarijiet tal-kumpannija ma' dawk personali.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti ma tisgħax temmen dak li ddikjara r-rikorrent Simon Felice fl-affidavit tiegħu u fir-rikors minnhu mressaq.

Il-Qorti tqis ukoll illi mid-dokumenti finanzjarji esebiti mhux biss ma jirriżultax illi ġiet dikjarata l-proprjeta bħala ass tal-kumpannija, imma ukoll illi ma jirriżultax illi dak l-intorju tal-kumpannija ġie effettivament dikjarat, wisq anqas mħallas il-VAT dovut u t-taxxa dovuta mil-kumpanniji skond il-liġi.

Il-Qorti tqis ukoll illi Simon Felice seta' nesa` jgħarraf lill-Awditur fis-sena tal-akkwist, fis-sena 2012 (l-aktar sena illi ma jmissux nesa`!!), b'dana kollu jirriżulta ukoll illi nesa` anke fil-ħames jew sitt snin ta' wara, u saħansitra nesa` anke javża lill-Awditur ko-rikorrenti illi ha ħsieb ix-xoljiment tal-kumpannija. Il-Qorti issib diffiċli temmen dan, partikolarment in vista tal-fatt illi s-soċjeta' tar-rikorrenti baqgħet sas-sena 2017 toħrog *invoices* lil dik venditriċi u għalhekk kien hemm ċertament ċirkostanżi illi setgħu faċilment fakkru lir-rikorrenti jgħarraf lill-Awditur bihom.

Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis illi anke kieku stess il-verzjoni tar-rikorrenti Simon Felice għandha mis-sewwa, tfakkar illi hija r-responsabbilita' sħiħa tal-uffiċjali tal-kumpannija illi jagħtu l-informazzjoni kollha relattiva u preċiza lill-awdituri, sena wara sena, u anke lill-istralċarju sabiex jkunu mħejjija il-*liquidation accounts*. Huwa għalhekk illi r-responsabbilita' ta' dan in-nuqqas kollu taqa' dejjem f'ħoġor ir-rikorrent Simon Felice.

Il-Qorti tqis illi dak li għandha quddiemha fil-kaz in eżami, jista' huwa żball ġenwin (kif isostni r-rikorrenti u li l-Qorti ssibha diffiċli temmen), imma jista' hu abbuż serju li sar minn Simon Felice li kellu l-kumpannija Felix Services and Installations Limited u li tagħha huwa kien azzjonista solitarju u direttur uniku. Il-Qorti mhix qed tgħid illi kien hemm abbuż, imma qed tgħid illi jista' kien hemm aġir abbużiv ghal evażjoni ta' taxxa u għalhekk illi l-Qorti ser tieħu l-miżuri neċessarji biex isiru l-investigazzjonijiet oppportuni.

Il-Qorti tqis illi nuqqas li l-liġi ma tridx u ma tippermettix u li jwassal għal konsegwenzi gravi b'nuqqasijiet serji ta' dmirijiet mhux biss tal-istess rikorrenti bħala uffiċjali tal-kumpannija, imma ukoll tal-kumpannija stralċjata, m'għandhomx ikunu tollerati.

Dan qed jingħad peress illi kif jirriżulta illi saru l-affarijiet, għax-xogħolijiet pprestati mill-kumpannija Felix Services and Installations Limited lis-soċjeta' Savoy Gardens Limited, hemm ħlas in parti ta' €111,635 permezz ta' trasferiment tal-proprjeta *de quo*, minn somma

akbar illi kienet dovuta u li skont l-*invoices* esebiti, sa dak in-nhar (Ġunju 2012) kienet tlaħħaq il-fuq minn €400,000, liema somma baqgħet tiżdied fix-xhur u s-snin ta' wara, bl-aħħar *invoice* tkun datata Jannar 2017, appena sena u ftit xhur qabel ma għaddiet ir-riżoluzzjoni għax-xoljiment tal-kumpannija.

Anke dan il-fatt imur biex iwassal lill-Qorti tqis illi l-verżjoni ta' Simon Felice mhix kredibli. Meta sena wara sena, il-kumpannija tiegħu kien baqgħala bilanċi x'titħallas mis-soċjeta' Savoy Gardens Limited, possibbli illi kien jinsa`, sena wara sena, jiddikjara ir-rikavat in parti illi l-kumpannija tiegħu kienet irceviet?

Il-Qorti tqis illi jirriżulta illi fuq dan l-ammont ta' €111,635, is-soċjeta' Felix Services and Installations Limited ħallset 5% boll, għal total ta' €5585. *Ċ*ertament illi ġja la darba dawn l-ammonti ma dehrux fil-kotba tal-kumpannija, allura tħallset 5% taxxa fuq it-trasferiment, veru, iżda ma tħallas xejn aktar u b'hekk gew iffrankati t-35% taxxa tal-kumpannija fuq id-dħul, oltre, potenzjalment, il-ħlas tal-VAT.

Il-Qorti qed tqis dan bħala abbuz potenzjali illi hija qed tirriskontra f'dawn il-proċeduri u jekk kellu jkun ammess illi dan ma kienx intenżjonat da parti ta' Simon Felice, pero ma jirriżultax mill-atti illi huwa ttenta jirrigolarizza l-posizzjoni fiskali tal-kumpannija, lanqas fit-talbiet magħmula jew addirittura qabel ma ntavola dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tqis għalhekk illi t-talbiet mressqa huma bbażati fuq aġir illecitu u fatti illi jistgħu jwasslu għal aġir anke kriminuż da parti tal-uniku uffiċjal tal-kumpannija u huwa għalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti riżultanti lill-Qorti, illi l-Qorti sejra tieħu il-provvedimenti kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti ma tistax tħossha komda, quddiem dan kollu, illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biex issir ir-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni qisu xejn mhu xejn, fejn il-proprjeta msemmija tgħħddi f'isem ir-rikorrenti Simon Felice u dawn l-allegati nuqqasijiet u illegalitajiet jibgħu mhux indirizzati jew jgħaddu inosservati.

Il-Qort ma tħossx, illi fiċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern, huwa xieraq illi tordna ir-rettifika mitluba.

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u peress illi l-Qorti ma jidhriliex illi huwa xieraq illi tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni li saret fil-kors tal-istralċ tal-kumpannija Felix Services and Installations Limited (C 46462), it-talbiet tar-rikorrenti qed jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent Simon Felice.

Il-Qorti ser tagħmel dak illi legalment u fil-kuxjenza tagħha tħoss illi huwa doveruż illi tagħmel.

> Il-Qorti tieħu sitwazzjonijiet bħal dawn b'serjeta kbira u filwaqt illi mhux ser tidħol fil-mertu u b'ebda mod mhu qed tesprima ruħa, pero, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u għal dak li jirriżulta fl-atti ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tħoss illi għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex a spejjeż tiegħu jibgħat kopja ta' din is-sentenza,
>
> (a) lill-Kumissarju tal-Puliżija u
>
> (b) lid-Direttur tat-Taxxi (Income Tax u VAT) u
>
> (c) lit-Tax Compliance Unit,
>
> għall-aħjar attenzjoni u indagni tagħhom fid-dawl tar-riżultanzi kif hawn fuq dikjarati u tawtorizzhom minn issa, għal kull *buon fini*, jieħdu konjizzjoni jew kopji tal-atti kollha ta' dan il-proċediment jew parti minnhom kif huma jista' jkun jidhrilhom xieraq".

5. Simon Felice appella minn din is-sentenza.

6. Fl-ewwel aggravju tiegħu jgħid li l-Qorti ma fehmitx is-sitwazzjoni li kellha quddiemha u minflok tatu l-opportunità jispjega ruħu għamlet assunzjonijiet bla bażi li wassluha għal deċizjoni żbaljata. Jgħid li, wara li ma kien hemm ebda eċċezzjoni da parti tar-reġistratur li kellha bżonn tiġi indirizzata u ma saru ebda provi ulterjuri fl-ewwel seduta l-vertenża tħalliet għas-sentenza. Kienet il-Qorti li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u talbet il-*financial statements* tal-kumpanija bejn l-2010 u l-2017 u l-*invoices* tal-kumpanija Savoy Gardens Limited għal xogħol prestat lilha u li wassal in parti għat-trasferiment tal-proprjetà. L-attur ippreżenta d-dokumenti mitluba u għas-seduta tat-13 ta' Mejju 2022 ħa miegħu l-irċevuti ta' meta kien *self-employed* bejn l-2006 u l-2009 billi x-xogħol twettaq f'ismu bħala Felix Services u mhux f'isem il-kumpanija. Il-Qorti però ma ħallitux jitkellem jew jesebixxi din id-dokumentazzjoni u

minflok għaddiet biex tat is-sentenza tagħha bla ma kellha l-fatti kollha quddiemha. La darba l-attur kien mingħalih li l-proprjetà kienet f'ismu ma setax raġonevolment jgħid lill-awdituri jdaħħluha fil-kotba tal-kumpanija jew li jsemmiha lil-likwidatur. Dan kien żball li ma jsarrafx f'aġir kriminali kif argumentat l-Ewwel Qorti.

7. Fit-tieni aggravju l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ttrasformat il-proċess f'wieħed inkwiżitorjali meta ma kienx hemm kontestazzjoni mill-parti l-oħra fuq il-fatti u l-istess Qorti ma tat ebda indikazzjoni li kien hemm xi suspetti iżda talbet biss informazzjoni għall-kjarifika. L-attur ma ngħata ebda possibiltà jiddefendi ruħu minn dak li qajmet il-Qorti stess fis-sentenza appellata.

8. Fit-tielet aggravju l-appellant isostni li l-Qorti ma kellhiex tordna li ma ssirx rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni sempliċement fuq dubju jew suspett għaliex b'dak li għamlet tat lok għall-konfiska tal-assi mmobbli favur il-Gvern ta' Malta u ċaħdet lill-appellant milli jgawdi ħwejġu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

9. Jibda biex jingħad illi l-Qorti kellha parametri ċari tat-talba li saret taħt l-Artikolu 300A tal-Kap. 386. Huwa fatt indiskuss illi meta saret id-distribuzzjoni tal-assi tal-kumpanija Felix Services and Installations

Limited, il-proprjetà mmobbli mertu ta' din il-vertenza li wkoll kienet proprjetà tal-kumpanija ma ddaħħlitx fl-iskema ta' distribuzzjoni. Minn ottika prattika ma jagħmilx sens li ma tiddaħħalx għaliex l-attur bħala uniku azzjonist kien ser jibbenefika billi l-proprjetà ddur fuqu personalment bis-saħħa tal-iskema ta' distribuzzjoni. Din it-talba għalhekk saret biex jiġi rettifikat dan l-iżball li seħħ. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma għamel ebda oppożizzjoni fil-mertu. Dak li kellha għalhekk tara l-Ewwel Qorti qabel kollox hu jekk dak mitlub kienx jirrifletti ruħu fil-fatti. Il-kuntratt tal-akkwist esebit hu ċar u ċjoè li l-proprjetà kienet mixtrija fl-2012 mill-kumpanija fuq imsemmija. Iċ-ċaħda ta' din it-talba twassal kif ġustament jirrileva l-appellant għall-konfiska *da facto* favur il-Gvern ta' proprjetà li skont l-appellant tappartjeni lilu bħala l-uniku azzjonist wara li l-kumpanija proprjetarja tal-immobbli ġiet xolta u mħassra mir-reġistru tal-kumpaniji. Tali deċizjoni għandha l-effett li l-appellant ma kellux il-fakoltà li jiddefendi ruħu kontra tali deċizjoni meta tqis ir-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-talbiet, ċjoè nuqqasijiet ta' natura fiskali da parti tal-appellant suxxettibbli għall-prosekuzzjoni ta' natura penali. Però dawn in-nuqqasijiet ma kinux pruvati bħala fatti aċċertati iżda biss konsiderazzjonijiet li tefgħu suspett f'moħħ il-Qorti li kollox ma kienx jidher kif suppost fejn tidħol ħlas ta' taxxa.

10. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-Ewwel Qorti ma riditx tisimgħu jew li ma ħallitux jippreżenta provi biex juru li qabel l-2009 kien jaħdem

bħala *self-employed* fl-istess qasam ta' xogħol u li t-tpaċija li tirriżulta fil-kuntratt kienet relatata ma' meta l-attur kien jaħdem għal rasu. Ma jirriżultax mill-atti dak li qed jallega l-appellant. B'danakollu l-Qorti ma kinitx qed tinvestiga kwistjoni ta' taxxa iżda biss jekk dak mitlub kienx jidħol fil-parametri u skop tal-liġi, għalkemm dejjem għandha s-setgħa li titlob li aġir li jidher *prima facie* mhux skont il-liġi jiġi investigat mill-awtoritajiet kompetenti. Però t-talbiet attrici huma mibnija fuq nuqqas fl-iskema ta' distribuzzjoni billi ma ġietx imdaħħla proprjetà tal-kumpanija f'din l-iskema. Ladarba dan jirriżulta t-talba kellha tintlaqa' għalkemm kif ingħad il-Qorti setgħet tieħu in konsiderazzjoni l-fatt dwar il-ħtija għal tali nuqqas li tista' tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż, u jekk kif dehrilha l-Qorti, hemm suspett li fil-kuntratt tal-akkwist seta' kien hemm nuqqasijiet soġġetti għal riperkussjonijiet fiskali, tagħti l-provvedimenti meħtieġa.

**Deċide**

Għalhekk il-Qorti tqis xieraq li fiċ-ċirkostanzi tal-kaz tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi u minflok tilqa' dawn it-talbiet fis-sens li:

1. Tordna li ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-imsemmija Felix Services and Installations Limited billi jittieħed kont tal-proprjetajiet, ossija l-appartament internament

immarkat bin-numru tlettax (13), formanti parti mill-blokka K fil-kumpless Savoy Gardens, Rue D'Argens, Gzira, li tinsab fil-livell *plus eight* (8), u l-*one car lock-up garage* internament innumerat mitejn u sittin (260) u li jinsab fuq livell *plus* 2 (+2) fil-*basement level* tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-kumpless Savoy Gardens, kif aħjar deskritti fil-kuntratt tal-akkwist datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012, fl-atti tan-Nutar Dottor Clarissa Cuschieri, li ġew esklużi mill-istess skema ta' distribuzzjoni, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu distribwiti a favur ir-rikorrent Simon Felice *qua* azzjonist tal-istess Felix Services and Installations Limited wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tiġi approvata tali skema ta' distribuzzjoni rettifikata;

2. Tinnomina lin-Nutar Dottor David Joseph Borg sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta' trasferiment tal-imsemmija proprjetajiet fi żmien tliet xhur mil-lum u tawtorizza lir-rikorrent Christopher Pace bħala stralċjarju ta' Felix Services and Installations Limited sabiex jirrappreżenta lill-istess soċjetà fuq l-imsemmi att notarili;

3. Tordna lill-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex jieħu l-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tali rettifika tkun tista' ssir u tingħata effett;

4. Tikkonfermaha fejn ordnat li r-Reġistratur tal-Qorti sabiex a spejjeż tiegħu jibgħat kopja ta’ din is-sentenza;

(a) lill-Kumissarju tal-Pulizija;

(b) lid-Direttur tat-Taxxi (*Income Tax* u VAT); u

(c) lit-Tax Compliance Unit,

għall-aħjar attenzjoni u indaġni tagħhom fid-dawl tar-riżultanzi tal-Ewwel Qorti u tawtorizzahom minn issa, għal kull *buon fini*, jieħdu konjizzjoni jew kopji tal-atti kollha ta’ dan il-proċediment jew parti minnhom kif jista’ jkun jidhrilhom xieraq.

L-ispejjeż tal-Ewwel Qorti u tal-appell għandhom ikunu a karigu tal-attur Simon Felice.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm